**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali ĦAL QORMI**
**ID-DISA LEĠISLATURA**

**Laqgħa Numru 15**

Il-Kunsill Lokali ltaqa' nhar it-Tlieta 8 ta' April 2025, fl-uffiċċji tal-Kunsill Lokali Ħal Qormi, fi 392 Triq il-Vitorja Ħal Qormi, Ħal Qormi fis-6.00 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

Dr Josef Masini Vento
Ralph Puli
Xandru Mallia
Jurgen Abela
Fiona Borg Lewis
Nicholai Falzon
Elke Cassar Sghendo
Marvin Zammit
Doris Zammit
Alessio Decarlo (daħal 7.00pm)

**ASSENTI B'APOLOGIJA**
Daniel Ablett

**ASSENTI**

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Marilyn Baldacchino Gatt – Deputat Segretarju Eżekuttiv

**15.1 TALBA**

**Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** fetaħ il-laqgħa billi qal it-talba.

**15.2 Qari ta' Ittri ta' Apoloġija**

**Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** nforma li il-Kunsillier Alessio Decarlo nforma li dieħel ftit tard u il-Kunsillier Daniel Ablett nforma lill-kunsill li ma setgħax jattendi għal-laqgħa.

**15.3 Approvazzjoni tal-Minuti Nru 14**

**Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** poġġa fuq il-mejda kopja tal-Minuti 14 li kienu ċċirkulati lill-membri permezz ta' korrispondenza elettronika u meħuda bħala moqrija, għall-approvazzjoni.

**15.4 Emendi fil-Minuti**

15.4.1 **Il-Kunsillier Doris Zammit** talbet li fil-Minuti 14 tkun imniżżla skużata u mhux assenti.

15.4.2 **Il-Kunsillier Elke Cassar Sghendo** talbet li fil-Minuti 14.7.1 għandha titniżżel nota li se tintbagħat ittra lir-residenti fuq il-kwistjoni tal-one way ta' Triq Dun Rene Cilia.

Il-membri qablu li fl-ittra ikun hemm żewg opinjonijiet, waħda kif kienet ipproponuta fil-leġislatura li għaddiet u opinjoni oħra kif qed tissuġġerixxi is-Sinjura Cassar Sghendo. Ir-residenti iridu jaqblu ma waħda minn dawn l-opinjonijiet.

15.4.3 **Il-Kunsillier Nicholai Falzon** talab li fil-Minuti 14.10.3 mal-Mozzjoni Nru 12 (IX) tiżdied Triq il-Kbira mill-Għassa tal-Pulizija l-isfel u fiha isiru water culvert.

**15.5 Skeda ta' Ħlasijiet**

**Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv** poġġiet fuq il-mejda Skeda ta' Ħlasijiet għax-xahar ta' Marzu 2025.

**Il-Kunsillier Fiona Borg Lewis** ipproponа l-approvazzjoni tal-iskeda ta' ħlasijiet.

**Il-Kunsillier Ralph Puli** issekonda l-iskeda ta' ħlasijiet.

Il-Kunsill approva l-iskeda ta' ħlasijiet għax-xahar ta' Marzu 2025 u l-iskeda tal-Petty Cash għax-xahar ta' Marzu 2025.

**15.6 Intervista għal-sejħa interna għal-Clerical Officer – Skrivan/a fi skala 15**

**Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** nforma li l-intervisti taz-zewg applikanti sabiex jimlew il-post ta' Skrivan fi Skala 15 ser isiru nhar it-Tlieta 15 ta' April fis-1.00 ta' wara nofsinhar.

**15.7 SPI/SCI/07/2024- Espressjoni ta' Interess - Servizz ta' Manutenzjoni Minuri f'Binjiet pubbliċi – Bidla tal-Proġett**

**Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** nforma li wara li l-applikazzjoni għal-manutenzjoni tal-Monument għal-vittmi tan-nar ma ġietx aċċetta, il-Kunsill għandu japplika għal-manutenzjoni (tikħil fejn hemm migruf) u tibjid, tas-sala tal-kunsill li tinsab fit-tieni sular.

Il-membri kollha preżenti qablu ma' din il-proposta.

**15.8 Annual Budget 2025 u Unaudited Financial Statements 2024**

**15.8.1** **Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv** poġġiet fuq il-mejda tal-Kunsill kopja tal-Annual Budget 2025. Kopja elettronika tal-Annual Budget 2025 intbagħtet lil Kunsilliera kollha, permezz ta' ittra elettronika.

Il-membri qablu li dan għandu jiġi approvat wara li issir laqgħa mal-accountants.

**15.8.2 Unaudited Financial Statements 2024**

**Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv** resqet għal-approvazzjoni tal-Kunsill l-Unaudited Financial Statements għas-Sena 2024.

Il-membri qablu li dan għandu jiġi approvat wara li issir laqgħa mal-accountants.

## 15.9 Komunikazzjoni tas-Sindku

### 15.9.1 Ġnien Federico Maempel

**Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** informa li il-Kunsill kien ikkupjat f' korrispondenza bejn l-Indis u il-Perit tal-Proġett fi Ġnien Federico Maempel fejn Indis qed jitolbu lill-Perit tal-Proġett sabiex jittellgħu il-pjanti quddiem l-Awtorità tal-Ippjanar.

Is-Sindku informa li dan ifisser li sa issa il-Pjanti għadhom ma ġewx ippreżentati quddiem l-Awtorità tal-Ippjanar. Għaldaqstant saħaq li il-Kunsill Lokali Ħal Qormi ma għandux jidħol għad-devoluzzjoni ta' Ġnien Federico Maempel qabel ma jkun lest il-proġett.

### 15.9.2 Rikostruzzjoni ta' Triq San Bastjan

**Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** informa li il-Kunsill sal-lum għadu ma rċieva l-ebda komunikat uffiċjali minn Infrastruttura Malta fejn jikkonferma li ix-xogħol fuq Triq San Bastjan ġie pospost għal-data oħra.

Is-Sindku semma li f'Mejju 2024 kellha tinbeda Triq San Bastjan. Infrastruttura Malta dakinhar qalu li ma setgħux jibdew ix-xogħlijiet minħabba proġett infrastrutturali fi Triq Mdina. Triq San Bastjan għalhekk kellha tinbeda f'Jannar 2025. F'Jannar 2025 ma nbediex xogħol fuq Triq San Bastjan u saru pjanijiet li tinbeda f'April fuq fażijiet, biex ma t'impatt bl-ebda mod il-festa.

Is-Sindku semma li hu flimkien mal-Kunsillier Fiona Borg Lewis kellu laqgħa mas-Sur Steve Ellul Chief Executive Officer ta' Infrastruttura Malta fejn bħala kumpens ta' dan id-dewmien, talbu sabiex il-materjal tal-bankini isir tal-porfido. Sar qbil biex is-servizzi tal-ilma isiru ftit il-barra mill-bankina sabiex ma jimpattawx il-pożizzjoni tal-arbli tal-festa.

Is-Sindku semma li meta kien hemm kollox pjanat li se jinbeda ix-xogħol f'April, iżda sar jaf minn fuq Facebook li ix-xogħol ġie pospost, bla ebda komunikat uffiċjali.

Il-membri qablu li il-Kunsill jikteb lill Infrastruttura Malta u jistaqsi xi ħsieb hemm li jsir issa li twaqqfu ix-xogħlijiet fi Triq San Bastjan.

### 15.9.3 Double Yellow lines fi Triq San Bastjan bejn Triq l-20 ta' Jannar u il-bridge

**Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** informa li il-Kunsill irċieva komunikat minn Transport Malta fejn ġejna infurmati li id-deċiżjoni li isiru double yellow lines fi Triq San Bastjan bejn Triq l-20 ta' Jannar u il-bridge ġiet revokata.

L-għada ta' dan il-komunikat, id-deputat Segretarju Eżekuttiv kitbet lill Perit Conti, l-uffiċċjal inkarigat fi Transport Malta, sabiex tingħata informazzjoni min talab u / jew min ħareġ din l-ordni biex dawn is-sinjali jiġu mneħħija u isiru bojod u min se jerfa ir-responsabbiltà tat-tneħħija ta' dawn il-linji.

Minflok il-Kunsill ingħata tweġiba ta' min talab dawn is-sinjali biex jitneħħew, qomna biex Ħal Qormi sab linja bajda miżbugħa minn fuq sa isfel tal-imsemmija triq.

**15.9.4 Ftuħ Uffiċċjali tal-Innovar taċ-Ċentru Anzjanità Attiva f'Ħal Qormi**

**Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** informa li il-Kunsill ma kienx mistieden għall-ftuħ taċ-Ċentru Anzjanità Attiva li jinsab fl-istess binja tal-Kunsill Lokali. Ir-rinnovar ta' dan iċ-ċentru kien inawgurat nhar l-Erbgħa 2 ta' April.

Is-Sindku informa li id-Deputat Segretarju Eżekuttiv irċeviet telefonata biex tkun preżenti flimkien mas-Sindku siegħa biss qabel il-ħin tal-ftuħ uffiċjali.

Is-Sindku propona li is-Segretarjat għandu jiġi mitlub jikkumpensa lill-Kunsill ħlas ta' transport għall-ħarġiet għass-sentejn li ġejjin.

**15.9.5 Kuntratt mal-Cleansing Department**

**Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** informa li illum iltaqa mas-Sur Ramon Deguara fejn ġie infurmat illi is-servizz tal-knis mill-Cleansing Department se jiskatta fi 2 ta' Mejju 2025.

Is-Sindku informa li is-Sur Deguara se jagħti lill Ħal Qormi 2 sweepers elettriċi u sweeper kbira.

**15.9.6 Triq il-Barrakki – Talba gĦall-MC Bay**

**Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** informa li il-Kunsill irċieva talba minn residenti ta' Triq il-Barrakki sabiex parkeġġ li hemm maġenb kaxxa blu tar-reserved fi Triq il-Barrakki jinbidel u isir 2 MC Bays għaliex vetturi kbar mhux joqgħodu f'din il-kaxxa tal-parkeġġ u qed jostakolaw il-kaxxa il-blu.

Saret diskussjoni bejn il-membri u ġie deċiż li ġaladarba hemm spazju fuq wara tal-parkeġġ minfejn joħroġ ma hemmx ħtieġa li isiru MC Bays.

**15.9.7 Triq Mifsud Ellul - Jurgen Cassar**

**Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** informa li il-Kunsill irċieva ittra legali mingħand l-avukati tas-Sur Jurgen Cassar ta' Triq Mifsud Ellul sabiex jiġbed l-attenzjoni li Triq Mifsud Ellul m'għandha l-ebda bankina.

Is-Sindku qal li is-Sur Cassar ghamel bankina illegali.

Il-Kunsillier Marvin Zammit talab biex il-Kunsill iġib parir legali

**15.9.8 Toqob għal-arbli tal-Festa fi Triq il-Kbira**

**Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** informa li il-Kunsill irċieva talba mill-Ghaqda Armar San Bastjan sabiex isiru zewg toroq għal arbli tal-festa fi Triq il-Kbira bejn il-Pompa tal-Petrol u Triq il-Kunċizzjoni.

Il-membri qablu li il-Kunsill iħallas l-ispejjeż ta' dawn iż-żewg toqbiet.

**15.9.9 Scaffolding fi Pjazza San Frangisk – Rotta tal-Purcissjoni**

**Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** informa li il-Kunsill irċieva talba sabiex jiġi imġedded permess li hemm fi Pjazza San Franġisk fejn hemm armat scaffolding biex isir xogħol fuq il-faċċata. Billi dan ix-xogħol se jitkompla wara il-festi is-sid qed jitlob li dan l-iscaffolding jitħalla anke waqt il-ħin tal-purċissjoni tal-Ġimgħa il-Kbira.

Il-membri qablu li il-Kunsill japprova li dan l-iscaffolding jibqa armat gĦal waqt il-ħin tal-purċissjoni, bil-patt li ma jaħdimx minn Ħamis ix-Xirka sa Ħadd il-Għid.

**15.9.10 Tinda fejn Bottega San Gorgio waqt l-Irxoxt**

**Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** informa li il-Kunsill irċieva talba sabiex tintrema tinda kbira fejn il-mejda tal-bar mal-ġenb ta' Bottega San Giorgio fi Triq il-Kbira waqt il-marċ tal-Irxoxt.

Il-membri qablu li il-Kunsill japprova li tintrema din it-tinda waqt l-Irxoxt.

**15.9.11 Bandla fi Gnien De La Cruz**

**Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** nforma li intalbet kwotazzjoni mingħand il-kumpanija li għamlet l-irrinovar tal-Bandli fi Ġnien De La Cruz għal-bandla u it-tapit ta' taħtha.

Il-kwotazzjoni li il-Kunsill irċieva kienet ta' €6761.40 għal-bandla bi tnejn (waħda tal-kbar u oħra tat-tfal) u €5581.40 għal-bandla bi tnejn (tnejn ta' tfal żgħar). Dawn il-prezzijiet ma jinkludux ix-xogħol sabiex tinqala l-art u isir il-bażi tal-konkos.

Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv infurmat illi minħabba li il-prezz huwa għoli, tkellmet mal-contract manager tal-Kunsill Simon Mifsud fejn se jipprova jsib jixtri tapit għal taħt simili għal dak li hemm u se jara kemm hi kbira bandla ġdida li hemm merfugħa fil-garaxx li oriġinarjament kienet se titwaħħal fi Ġnien Federico Maempel.

**15.9.12 Billboard fi Ġnien De La Cruz**

**Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** nforma li il-Kunsill Lokali irċieva talba minn kumpanija 7twentyeight sabiex jitwaħħal billboard fi Gnien De La Cruz

Is-Sindku nforma li fi Ġnien De La Cruz diġà hemm permess għal-tliet billboards li jitħallsu regolari.

Il-membri qablu sabiex il-Kumpanija 7twentyeight titħalla tpoġġi billboard skond il-Bye Law tal-kunsill "Reklamar fuq Għamara fit-Toroq"

**15.9.13 Art bejn Triq il-Ħelsien u Triq ta' Farżina**

**Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** nforma li il-Kunsill Lokali ilbieraħ irċieva risposta mill-Awtorità tal-Artijiet fejn informatu illi l-art bejn Triq il-Ħelsien u Triq ta' Farżina hija art tal-Gvern.

Il-membri qablu li il-Kunsill jitlob għad-devoluzzjoni ta' din l-art.

**15.9.14 Ipparkjar fuq il-Bankina fi Triq l-Erba Qaddisin**

**Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** nforma li il-Kunsill Lokali irċieva talba mingħand is-Sur Alfred Camilleri is-sid ta' Faenza Showroom fi Triq l-Erba' Qaddisin sabiex jingħata / jinħareġ permess biex isir parkeġġ fuq il-bankina il-wiesgħa ta' quddiem is-showroom tiegħu.

Saret diskussjoni bejn il-membri u ma qablux li isir parkeġġ fuq il-bankina.

**15.9.15 Bankina fi Triq il-Kunċizzjoni numru 12**

**Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** nforma li ftit tax-xhur ilhu kienet qed issir pressjoni minn Dr Rachel Powell, residenta li xtrat propjetà fi Triq il-Kunċizzjoni sabiex kif kien ġie approvat minn Transport Malta fuq talba tagħha issir bankina quddiem il-propjetà tagħha fi Triq il-Kunċizzjoni.

Id-deputat Segretarju Eżekuttiv talbet kopji tal-korrispondenza u anke talbet lill Transport Malta sabiex tingħata bil-miktub kemm wiesgħa ġiet approvata din il-bankina.

Is-Sur Michael Cohen informa li hu ma għandux kopja tal-approvazzjoni finali imma mill-wiesgħa tat-triq faċilment li issir bankina ta' metru quddiem ir-residenza ta' Dott Powell.

Saret diskussjoni bejn il-membri u ġie deċiż li minħabba li fiz-zona ma hemmx bankini, il-bankina ma ssirx għaliex l-approvazzjoni minn Transport Malta ma hiex uffiċċjali.

**15.9.16 Proposta sabiex jinbidel l-isem tat-triq San Benedittu bejn Triq San Bartolomew (fejn il-Busketto) u Triq San Guzepp**

**Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** qed jipproponi li jinbidel l-isem ta' Triq San Benedittu bejn Triq San Bartolomew (fejn il-Busketto) u Triq San Guzepp li bħalissa msejjħa ukoll Triq San Benedittu tissemma Triq George Portelli l-ewwel Sindku ta' Ħal Qormi.

**Il-Kunsillier Ralph Puli** ġibed l-attenzjoni li fil-parti fejn qed tiġi ipproponuta din it-triq hemm niċċa ta' San Benedittu.

Il-membri qablu li għalissa din il-proposta ma tiġix approvata u din il-parti tibqa tissejjaħ Triq San Benedittu.

**15.10 Ħwejjeġ Oħra**

**15.10.1** **Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** nforma li 4teenth Productions infurmaw li waħda mill-attivitajiet abbinat mal-Provedimenti tas-Servizzi Kulturali se tkun il-walktrough fix-xelter biswit il-Knisja Kolleġġjata ta' San Gorg fi żmien il-Ġimgħa Mqaddsa.

**15.10.2** **Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** nforma li id-Drama Group San Sebastjan infurmaw li waħda mill-attivitajiet abbinat mal-Provedimenti tas-Servizzi Kulturali se tkun dramm relatat mal-Ġimgħa il-Kbira bejn l-14 - 16 ta April 2025, li jġib l-isem ta' "Id-Destin".

15.10.3 **Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** nforma li l-applikazzjoni CERV sabiex grupp ta' Qriema jżuru Gravina di Puglia ma ġietx aċċettata. Il-Kunsill Lokali ġie infurmat illi l-applikazzjoni għal proposti tali reġgħu se jinfetħu u il-kunsill lokali ikun jista' jerġa japplika fuq l-istess prinċipju.

15.10.4 **Il-Kunsillier Elke Cassar Sghendo** informat lill-membri li kellha laqgħa mac-CEO ta' San Vinċenz De Paul fejn dan stedina sabiex tieħu lill-anzjani tal-lokalità ħarġa għal Pet Farm Day ġo San Vinċenz De Paul.

15.10.5 **Il-Kunsillier Elke Cassar Sghendo** informat lill-membri li qeda f'komunikat mal-Active Ageing sabiex jiġi organizzat Wellness Programme f'Ħal Qormi.

15.10.6 **Il-Kunsillier Nicholai Falzon** informa li kellu laqgħa mad-diriġenti tal-Qormi Football Club fejn iddiskuta il-5-a-side li jinsab fi Triq il-Belt Valletta.

Saret diskussjoni bejn il-membri u ġie deċiż li wara li jiġi identifikat fejn irid jitella il-ħajt, il-Kunsill jiġbor stimi għal cctv cameras u fencing, biex eventwalment il-Kunsill japplika għal xi skema.

15.10.7 **Il-Kunsillier Nicholai Falzon** informa li ser issir diskussjoni politika bejn kunsilliera żgħażagħ, nhar is-16 ta' Mejju 2025 fis-7.00 ta' filgħaxija ġewwa Ħal Luqa.

15.10.8 **Il-Kunsillier Doris Zammit** semmiet li is-serata tal-Premju INT kienet serata sabiħa.

15.10.9 **Il-Kunsillier Doris Zammit** semmiet li qeda f'kuntatt mal-Uffiċċju tal-President sabiex f'Settembru li ġej torganizza serata f'Ġieh Gorg Zammit.

15.10.10 **Il-Kunsillier Doris Zammit** semmiet li interessata li tapplika għal-iskema Grannies.

Il-Kunsillier Fiona Borg Lewis infurmat lis-Sinjura Zammit li din tista' tkun parti mill-attività tal-25 ta' Mejju.

Il-Kunsillier Elke Cassar Sghendo semmiet li din hija parti mill-Proġett ta' Transport Malta.

**15.10.11** **Il-Kunsillier Doris Zammit** infurmat lill-membri li kellha laqgħa mas-Sinjura Moira Bongailas, mill-Implemanatation of the Explore Malta Project. Dan il-proġett jinvolvi li jitwaħħlu beacons fejn wieħed ikun jista' jiġbor informazzjoni u dawn jitwaħħlu ħdejn postijiet storiċi u knejjes.

**15.10.12** **Il-Vici Sindku Xandru Mallia** qed jipproponi li isir parkeġġ dijagonali biswit il-bus stop li tinsab faċċata tal-pompa tal-petrol fi Triq Mdina

**15.10.13** **Il-Vici Sindku Xandru Mallia** talab sabiex id-double yellow line li sar quddiem garaxx fi Triq Antonio Muscat Fenech jitneħħa għaliex minflok dawk il-linji kienu jipparkjaw karozza.

Saret diskussjoni bejn il-membri, fejn fost l-oħrajn ġie innotat li jekk se jitneħħa dan id-double yellow line, sid il-garaxx ta' faċċata se japplika għal-double yellow line fil-ġnub tal-garaxx u se titneħħa kaxxa tal-parkeġġ.

Il-membri ma qablux bejniethom u marru għal-vot.

Ivvutaw favur li id-double yellow lines jitneħħew is-Sindku Dr Josef Masini Vento, il-Vici Sindku Xandru Mallia u il-Kunsilliera Elke Cassar Sghendo, Fiona Borg Lewis, Marvin Zammit, Nicholai Falzon

Ivvutaw kontra li dawn id-double yellow lines jitneħħew il-Kunsilliera Jurgen Abela, Ralph Puli u Alessio De Carlo.

Il-Kunsillier Doris Zammit kienet assenti fil-ħin tal-votazzjoni.

**15.10.14** **Il-Kunsillier Fiona Borg Lewis** infurmat li fid-29 ta' April se jkunu qed iżuru il-Kunsill l-istudenti tal-Middle School tal-Handaq. L-iskola talbu li il-Kunsill iħallas għat-trasport. Il-membri qablu li it-trasport jitħallas mill-Kunsill.

**15.10.15** **Il-Kunsillier Fiona Borg Lewis** semmiet li it-tubu li hemm maqtugħ mal-Knisja iż-Żgħira qed jagħti dehra mhux kompluta tad-dawl tal-Knisja iż-żgħira. L-ispiża biex jinbidel dan id-dawl hija ta' madwar €1200. Il-membri qablu li jinbidel dan id-dawl.

**15.10.16** **Il-Kunsillier Fiona Borg Lewis** staqsiet fhiex wasal il-proġett tal-Walking Track li il-Kunsill se jagħmel fi Ġnien De La Cruz.

Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv qalet lis-Sinjura Borg Lewis li il-Perit tal-Kunsill applika għal-DNO mal-Awtorità tal-Ippjanar.

**15.10.17** **Il-Kunsillier Fiona Borg Lewis** infurmat lill-membri li fi 23 ta' April se jsir il-Ftuħ Uffiċċjali ta' Ġnien Salvu Baldacchino.

**15.10.18** **Il-Kunsillier Fiona Borg Lewis** infurmat lill-membri li bħala parti mill-proġett ma Transport Malta qeda f'kuntatt ma Project Green sabiex jagħmlu top up park f'xi zona f'Ħal Qormi bejn is-27 ta' April u il-25 ta' Mejju 2025.

Is-Sinjura Borg Lewis issuġġeriet li dan isir fil-pjazzetta fejn il-Maħzen tan-Nar fi Triq il-Kbira.

Il-Kunsilliera preżenti ġibdu l-attenzjoni li hemmhekk jipparkjaw 6 vetturi u se jkun inkonvenjent għar-residenti.

**15.10.19** **Il-Kunsillier Fiona Borg Lewis** issuġġeriet li il-parkeġġ quddiem Rainbow Stationery fi Triq il-Vitorja isir dijagonali.

**15.10.20** **Il-Kunsillier Elke Cassar Sghendo** issuġġeriet li napplikaw għal tabelli biex ma jipparkjawx trailers fi Triq San Frangisk (wara ir-razzett l-antik)

**15.10.21** **Il-Kunsillier Elke Cassar Sghendo** infurmat lill-membri li qeda f'kuntatt mal-Kumpanija Faces u mal-Perit tal-Kunsill rigward il-Bus Stops fi Triq Anici u Triq id-Deheb Fin.

**15.10.22** **Il-Kunsillier Elke Cassar Sghendo** infurmat lill-membri li fi 22 ta' April se torganizza laqgħa mal-cat feeders. Għaldaqstant qed tipproponi sabiex il-Kunsill japprova is-somma ta' Euro 300 sabiex jintefqu f'vawċers għat-tiswija tal-qtates stray fil-lokalità u Euro 100 għal-ikel tal-qtates.

Il-membri preżenti kollha qablu ma din il-proposta.

**15.10.23** **Il-Kunsillier Elke Cassar Sghendo** infurmat li se tiġi organizzata Easter Egg Hunt għat-tfal, l-għada tal-Għid fi Ġnien De La Cruz.

**15.10.24** **Il-Kunsillier Elke Cassar Sghendo** saħqet sabiex il-Pulizija tal-Komunità jipprovdu numru tal-kuntatt sabiex ir-residenti ikollhom fejn jagħmlu kuntatt.

**15.10.25** **Il-Kunsillier Elke Cassar Sghendo** infurmat lill-membri li flimkien mal-Kunsillier Daniel Ablett se tapplika għal-iskema Tagħna it-Tfal. Min din l-iskema se jinxtraw xi logħob għat-tfal u se tapplika biex jinxtara TV għas-sala ta' fuq tal-kunsill.

**15.10.26** **Il-Kunsillier Fiona Borg Lewis** issuġġeriet li għal-Fond Lokalitajiet Aktar Nodfa, il-Kunsill Lokali Ħal Qormi japplika sabiex issir Clean Up Day.

**Il-Kunsillier Elke Cassar Sghendo** issuġġeriet li isiru leaflets bl-informazzjoni tal-ġbir tal-iskart u jitqassmu fid-djar.

**15.10.27** **Il-Kunsillier Elke Cassar Sghendo** infurmat lill-membri li ta' Tomatik qedin jikkorrispondi mal-Kunsill Lokali fuq il-proġett tat-Transport Intern.

**15.10.28** **Il-Kunsillier Jurgen Ablea** issuġġerixxa sabiex fi Triq Kardinal Xiberras titneħħa il-kaxxa tal-Bus Stop, minħabba li ix-xufiera tal-linja qatt ma jidħlu jipparkjaw mal-bankina.

Is-Sindku Dr Josef Masini talab sabiex il-Kunsill jikteb lill Transport Malta għall-approvazzjoni.

**15.10.29** **Il-Kunsillier Jurgen Abela** issuġġerixxa li issa li il-Lombard Bank fi Triq il-Kbira għalaq għal dejjem, il-parkeġġ riservat quddiem l-imsemmi bank jitneħħa u isir parkeġġ normali.

**15.10.30** **Il-Kunsillier Jurgen Abela** issuġġerixxa li titwaħħal mera fi Triq il-Qalb Imqaddsa fl-aħħar triq li ma tinfidx.

**15.10.29** **Il-Kunsillier Doris Zammit** issuġġeriet li titwaħħal mera fi Triq il-Kbira faċċata ta' Triq Santu Rokku.

**15.11 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

Il-laqgħa ntemmet fl-10.30 ta' filgħaxija u ġiet aġġornata għal nhar il-Ħamis 8 ta' Mejju 2025 fis-6.00 ta' filgħaxija.

Konfermati llum, ***8 ta' Mejju 2025***.

| | |
|---|---|
| Josef Masini Vento (Dr) | Marilyn Baldacchino Gatt |
| Sindku | Deputat Segretarju Eżekuttiv |